

Brussell, 18 ta' Novembru 2022  
(OR. en)

14853/22

ENT 159  
MI 831  
ENV 1166

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	ST 12421/22 + ADD 1-4 - D 082562/3
Suġġett:	Regolament tal-Kummissjoni (UE) .../... ta' XXX li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 fir-rigward tal-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip tal-emissjonijiet għal vetturi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief - deċiżjoni li ma jkunx hemm oppożizzjoni għall-adozzjoni

---

1. Fit-13 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill l-abbozz ta' Regolament imsemmi hawn fuq, f'konformità mal-Artikoli 5(3) u 14(3) tar-Regolament (KE) 715/2007<sup>1</sup>.
2. L-abbozz ta' Regolament ta' hawn fuq huwa konformi mal-opinjoni pożittiva tal-Kumitat, espressa fil-5 ta' Lulju 2022. Il-Kumitat ivvota favur l-abbozz ta' miżura bi 22 vot "iva" u żewġ astensjonijiet.
3. Qabel ma jiġu adottati formalment mill-Kummissjoni, l-emendi jiġu ppreżentati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-iskrutinju tagħhom. Jekk la l-Parlament u lanqas il-Kunsill ma jkun opponew il-miżuri previsti, l-abbozz tar-Regolament għandu jiġi adottat mill-Kummissjoni.

---

<sup>1</sup> Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi (ĠU L 171, 29.6.2007, p. 1).

4. Fl-14 ta' Settembru 2022, id-delegazzjonijiet ġew mistiedna jindikaw l-oppożizzjoni possibbli tagħhom għall-abbozz ta' Regolament sal-25 ta' Ottubru 2022. L-ebda delegazzjoni ma qajmet raġunijiet rilevanti għal oppożizzjoni. Il-Kummissjoni ser tadotta formalment l-abbozz tal-miżuri wara li l-iskadenza ta' tliet xhur tagħlaq fit-13 ta' Diċembru 2022.
  
5. F'dan il-kuntest, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill biex jikkonferma li ma hemm ebda oppożizzjoni għall-adozzjoni tal-abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni, kif jinsab fid-dokument ST 12421/22 + ADD 1 bħala punt mingħajr diskussjoni f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss.

---